**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-3 ta' Gunju 2022**

**Kaz. Nru; 184-104**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**RUBEN CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Ruben Camilleri** bin Joseph u Tereza nee' Camilleri imwieled Pieta' fil-5 ta' Ottubru 1981 residenti gewwa 8, Rumown, Triq il-Konkos Teatrali, Mgarr u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 560981M, akkuzat talli;

Fit-3 ta' Dicembru, 2020 ghall-habta ta' 12:05hrs u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa l-Imgarr fil-Gzejjer Maltin, bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor u dan bi ksur ta' Kap. 480 Art. 47(1);

Bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap. 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.

Il-Qorti giet mitluba thassar jew tissospendi licenzja mahruga taht il-Kap. 480 u tipprojbixxi lil persuna millij kolha xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien mhux izjed minn hames snin meta dik il-persuna tinsab hatja ta' reat that dan l-Att.

Il-Qorti giet mitluba ukoll illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga that ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li waqt li fit-3 ta' Dicembru 2020 l-pulizija kienu qed jaghmlu ronda fl-inhawi tal-Imgarr in konnessjoni ma kacca u nsib illegali huma lemhu persuna maskili b'senter tal-kacca f'idejh li hekk kif ra l-pulizija huwa harab jigri minn fuq il-post. Fil-vicinanzi huma raw *LandRover Defender* ta' lewn griz, bin-numru registrazzjoni KBW-029, li minn verifiki li gew maghmula mill-pulizija rrizulta li kien irregistrat fuq Ruben Camilleri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 560981(M). Camilleri gie kkuntatjat u ntalab jiltaqa' mal-pulizija hdejn il-vettura tieghu. Camilleri mar fuq il-post libes ilbies relatat mal-kacca b'senter tal-kacca fl-ghata f'idejh. Fuq il-persuna ta' Camilleri ma nstab xejn irregolari. Intalab jiftah il-vettura. Camilleri fetah il-vettura wara li gab ic-cwievet minn taht il-bumber tan-naha tal-passigier tal-istess vettura. Gewwa din il-vettura, mohbija u mgezwrin taht xugaman il-pulizija sabu kaxxa b'hamsa u ghoxrin skartocc. Dawn gew elevati mill-pulizija. Min-naha tieghu l-imputat spjega li l-iskratacc instabu fil-vettura tieghu u li l-istess skratac kienu tieghu. Huwa jispjega li dakinhar kienet ix-xita u ma hax mieghu l-iskratacc biex ma jixxarbux. Jispjega li huwa halla l-iskratacc mohbija b'tali mod li minn barra ma jidhrux. Jispjega ukoll li l-vettura kienet imsakkra u l-alarm kienet mixghula. Jikkonferma li c-cwievet kienu taht il-bumper tal-karozza l-ghaliex skond hu dak *safe* biex ma jitlifhomx. Huwa jghid li ffirma l-karta tar-rinunzja tal-assistenza legali fuq talba tal-ufficjali tal-pulizija wara li saret it-tfittxija fil-vettura qabel ma telqu minn fuq il-post. Mill-affidavits tal-pulizija jirrizulta ukoll li l-istess dikjarazzjoni saret wara t-tfittxija fil-vettura.

Illi għal kull bon fini dina l-Qorti tiddikjara li għal dak li jirrigwarda r-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni ma hijiex tistrieħ fuq l-ebda dikjarazzjoni li l-imputat setgħa għamel lill-pulizija u dana għaliex fil-fehma ta' dina l-Qorti d-drittijiet legali inkluz id-dritt tal-assistenza legali ried jingħata mal-mument li l-pulizija kellhom suspett fl-imputat li setgħa għamel reat kriminali. Mill-atti odjerni (partikolarment mill-affidavits tal-pulizija) jirrizulta li s-suspett fl-imputat kien ġa hemm fil-mument li huma għamlu kuntatt mal-imputat biex jiġi ħdejn il-vettura. Għaldaqstant id-drittijiet legali tal-imputat kellhom jingħataw immedjatament malli l-imputat ġie fuq il-post u mhux wara t-tfittxija.

Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u cioe' li l-imputat ma żammx l-arma jew il-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor, mill-provi jirrizulta li l-qua imputat ħalla l-munizzjoni (25 skartoċċ) ġewwa vettura. Huwa għatta l-istess skrataċċ b'xugaman b'tali mod li skond ix-xieda tal-imputat l-istess ma kienux vizzibli minn barra. Dan għalkemm l-istess imputat jispjega li l-pulizija kienu nteressati li jiċċekjaw biss taħt ix-xugaman. Għaldaqstant dan ix-xugaman kien xorta talli li jqajjem l-interess ta' dak li jkun. Mill-provi lanqas ma jirrizulta kkontestat li l-vettura kienet imsakkra. L-imputat jgħid li l-vettura kellha ukoll l-alarm mixgħula. Madanakollu jirrizulta bl-istess mod mhux ikkontesta li ċ-ċavetta tal-imsemmija vettura ma kinitx fil-pussess tal-imputat izda taħt il-vettura. Għalkemm l-imputat jargumenta li ċ-ċavetta kienet moħbija sew, dina l-Qorti hija tal-fehma li mal-mument li huwa ħalla minn idejh l-istess ċavetta huwa ħalla l-possibilita' li dina tinstab minn terzi persuni u jkollhom access għall-istess skrataċċ. Huwa inutli li wieħed jixgħel l-alarm u imbagħad iħalli ċ-ċavetta mal-istess vettura b'tali mod li min ħa jsib iċ-ċavetta immedjatament ser ikun jistgħa jitfi l-alarm. Għaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni u cioe' li l-imputat naqas milli jħares il-kundizzjonijiet tal-liċenzja, dina l-Qorti hija tal-fehma li dina l-imputazzjoni ma tirrizultax pruvata galadarba din l-Qorti hija sprovista minn kwalunkwe prova dwar il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tal-qua imputat.

Illi ai fini ta' piena, dina l-Qorti hija tal-fehma li dina għandha tkun fil-minimu tagħha galadarba mill-provi jirrizulta li l-imputat ħa numru ta' prekawzjonijiet sabiex l-arma ma tkunx vizzibli għall-pubbliku u jillimita l-access għall-istess. Għall-istess raġunijiet dina l-Qorti ma hijiex ser tordna s-sospensjoni tal-liċenzja tal-imputat ai termini tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat l-artikolu 47(1) u 51(8) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-qua imputat mit-tieni imputazzjoni

dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed isibu hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' tlett mitt Ewro (Eur. 300) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' tal-hamsa u ghoxrin skartocc elevati mill-pulizija.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**